REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/448

tal-1 ta' Marzu 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574 dwar l-istandards tekniċi għat-twaqqif u għat-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(11) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/574 ([2]) jistabbilixxi r-regoli għall-istabbiliment u għat-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk. Is-sistema ta' traċċabbiltà għandha l-għan li tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'għodda effettiva li tippermetti l-insegwiment u t-traċċar tal-prodotti tat-tabakk madwar l-Unjoni u l-identifikazzjoni ta' attivitajiet frodulenti li jirriżultaw biex prodotti illeċiti jkunu disponibbli għall-konsumaturi.

(2) F'dan ir-rigward, ir-regoli operazzjonali tas-sistema ta' traċċabbiltà għandhom rwol importanti fl-iżgurar li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jirċievu d-*data* li jeħtieġu sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' traċċabbiltà tat-tabakk u l-kontroll tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-traċċabbiltà tat-tabakk, kif ukoll l-infurzar ta' din il-leġiżlazzjoni rispettivament.

(3) Fl-20 ta' Mejju 2019, is-sistema ta' traċċabbiltà stabbilita f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574 bdiet tiġbor id-*data* dwar il-movimenti tal-prodotti tat-tabakk u d-*data* tranżazzjonali. L-esperjenza fl-implimentazzjoni tagħha wriet ukoll l-importanza ta' kwalità, akkuratezza, kompletezza u komparabbiltà għolja tad-*data* li jeħtieġ li tiġi rreġistrata u trażmessa lis-sistema fil-ħin.

(4) Fir-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE tal-20 ta' Mejju 2021 ([3]), il-Kummissjoni enfasizzat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni kellhom problemi konsiderevoli bil-kwalità tad-*data* dwar it-traċċabbiltà, pereżempju fir-rigward tan-numri tat-taxxa fuq il-valur miżjud, l-informazzjoni dwar il-magni tal-produzzjoni jew l-informazzjoni dwar l-aħħar movimenti tal-prodotti lejn l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut. B'mod partikolari, jenħtieġ li tiġi emendata d-definizzjoni attwali tal-magni biex tirrifletti l-konfigurazzjonijiet varji tal-magni adottati fis-settur u biex tindirizza l-kwalità ħażina osservata tal-informazzjoni dwar il-magni. Ir-rapport ikkonkluda wkoll li l-kwalità tad-*data* tibqa' kritika għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar it-traċċabbiltà tat-tabakk u għall-ilħuq sħiħ tal-objettivi tas-sistema ta' traċċabbiltà.

(5) Id-diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri li jseħħu fuq bażi regolari fil-qafas tas-Sottogrupp ta' Esperti dwar it-Traċċabbiltà u l-Karatteristiċi ta' Sigurtà komplew juru li *data* robusta, kompluta u ta' kwalità tajba biss tista' tiżgura sistema ta' traċċabbiltà kompletament funzjonali u ta' suċċess. Għall-monitoraġġ u l-użu ta' din id-*data*, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jridu jkunu mgħammra b'għodod analitiċi u b'soluzzjonijiet tekniċi effettivi, b'mod partikolari l-interfaċċi meħtieġa li jippermettulhom jaċċessaw u jfittxu d-*data* maħżuna fis-sistema tar-repożitorji.

([1]) ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/574 tal-15 ta' Diċembru 2017 dwar l-istandards tekniċi għat-twaqqif u għat-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk (ĠU L 96, 16.4.2018, p. 7).

([3]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati (COM (2021) 249 final).

(6) Abbażi tal-esperjenza u l-għarfien miġbura, hemm il-ħtieġa li jiġu emendati ċerti regoli tekniċi stabbiliti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574 sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar mill-atturi kollha involuti fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, tissaħħaħ il-prattika tajba f'termini ta' ġestjoni u analiżi tad-*data*, u konsegwentement, jittejjeb il-funzjonament tas-sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk. Dawn ir-regoli tekniċi jikkonċernaw it-tħaddim tad-diversi komponenti tas-sistema ta' repożitorji, il-kompiti tal-emittenti tal-identifikazzjoni u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti minnhom, kif ukoll l-attivitajiet ta' rapportar tal-operaturi ekonomiċi u l-għodod tekniċi disponibbli għall-Istati Membri fil-kuntest tad-dmirijiet ta' infurzar tagħhom, b'mod partikolari l-interfaċċi kollha ta' aċċess, inkluż għall-ispezzjonijiet mobbli.

(7) L-emendi jindirizzaw għadd ta' eċċezzjonijiet u każijiet speċjali li nqalgħu wara t-tnedija tas-sistema ta' traċċabbiltà, inkluża l-preżenza ta' operaturi ekonomiċi involuti biss f'operazzjonijiet kummerċjali mhux loġistiċi, l-involviment ta' entitajiet mhux tal-UE fil-katina tal-provvista tal-UE, l-eżistenza ta' stabbilimenti li jikkombinaw funzjonijiet mhux ta' bejgħ bl-imnut u ta' bejgħ bl-imnut, każijiet ta' identifikaturi mitlufa, każijiet ta' rkupru ta' oġġetti misruqa, inċidenti tal-IT li jeħtieġu pproċessar mill-ġdid tad-*data*, u l-preżenza ta' destinazzjonijiet mhux kummerċjali atipiċi bħal laboratorji jew ċentri għar-rimi tal-iskart. L-operazzjonijiet proprji tas-sistema ta' traċċabbiltà għenu wkoll biex tinkiseb stampa aħjar tad-daqs tas-settijiet tad-*data* maħżuna u pproċessati fis-sistema tar-repożitorji, li min-naħa tagħhom jeħtieġu ċerti bidliet fir-regoli dwar il-possibbiltajiet u l-karatteristiċi tas-sistema tar-repożitorji u l-kompiti tal-fornitur tar-repożitorju sekondarju.

(8) L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574 jistabbilixxi l-proċeduri għall-għażla tal-operaturi tar-repożitorji primarji u sekondarji. Biex tiġi żgurata l-konsistenza fil-mod li bih in-notifiki tal-identità tal-fornitur propost jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni minn grupp ta' impriżi, u minn importaturi u manifatturi mhux tal-Unjoni, u l-kuntratti rilevanti għall-ħżin tad-*data* jiġu ffirmati, huwa xieraq li jiġu ċċarati ulterjorment ċerti regoli dwar is-sottomissjoni tan-notifiki u l-firma tal-kuntratti għall-ħżin tad-*data*. Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-estensjoni tas-sistema tat-traċċabbiltà tat-tabakk għall-prodotti kollha tat-tabakk li hija prevista mill-Artikolu 15(13) tad-Direttiva 2014/40/UE, tista' żżid l-għadd ta' dawn in-notifiki u l-kuntratti tal-ħżin tad-*data*, huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti aktar dettalji tal-proċedura għall-approvazzjoni ta' emendi għall-elementi ewlenin tal-kuntratti għall-ħżin tad-*data*, inkluża l-possibbiltà espliċita li l-Kummissjoni tapprova dawn l-emendi b'mod taċitu.

(9) Huwa wkoll xieraq li jiġi emendat il-perjodu li fih il-kuntratti bejn kull fornitur tar-repożitorju primarju u l-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandhom jiġu ffirmati u ppreżentati lill-Kummissjoni, biex jiġi żgurat li dawn l-entitajiet ikollhom żmien biżżejjed biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom. Fir-rigward tar-rekwiżiti li japplikaw għall-proċedura dwar it-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u l-fornitur tar-repożitorju sekondarju, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti aktar dettalji dwar il-perjodu ta' avviż li jeħtieġ li jiġi rrispettat mill-operatur tar-repożitorju sekondarju, sabiex jiġu żgurati bis-sħiħ il-kontinwità tal-operat u fluss mhux interrott ta' *data* fis-sistema.

(10) Il-Protokoll għall-Eliminazzjoni tal-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ([4]), li jipprevedi pakkett ta' miżuri li għandhom jittieħdu mill-Partijiet tiegħu għall-Eliminazzjoni tal-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-tabakk, daħal fis-seħħ fil-25 ta' Settembru 2018. Huwa xieraq li s-sistema ta' traċċabbiltà stabbilita fl-UE tkun aġġornata bl-iżviluppi tekniċi li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' reġim globali ta' insegwiment u traċċar.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574 jiġi emendat skont dan.

(12) Xi dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jibdew japplikaw f'data aktar tard mid-dħul fis-seħħ tiegħu, sabiex jippermettu lill-emittenti tal-identifikazzjoni, kif ukoll lill-forniturituras-servizzi ta' repożitorju u ta' apparati kontra t-tbagħbis u lil operaturi ekonomiċi oħrajn iħejju għar-rekwiżiti introdotti minn dawn id-dispożizzjonijiet.

([4]) Il-Protokoll għall-Eliminazzjoni tal-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (ĠU L 268, 1.10.2016, p. 1).

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/40/UE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, flimkien mad-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40/UE, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "identifikatur uniku" tfisser il-kodiċi alfanumeriku li bih il-pakketti individwali jew l-imballaġġ aggregat tal-prodotti tat-tabakk ikunu jistgħu jiġu identifikati;

(2) "operatur ekonomiku" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika involuta fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, inkluż għall-esportazzjoni, mill-manifattur sal-aħħar operatur ekonomiku qabel l-ewwel faċilità tal-bejgħ bl-imnut;

(3) "l-ewwel faċilità tal-bejgħ bl-imnut" tfisser faċilità fejn il-prodotti tat-tabakk jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba, inkluż id-distributuri awtomatiċi li jintużaw għall-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk;

(4) "esportazzjoni" tfisser il-konsenja mill-Unjoni lejn pajjiż terz;

(5) "imballaġġ aggregat" tfisser kwalunkwe imballaġġ li jkun fih iktar minn pakkett individwali wieħed tal-prodotti tat-tabakk;

(5a) "diżaggregazzjoni tal-imballaġġ aggregat" tfisser kwalunkwe żarmar tal-imballaġġ aggregat tal-prodotti tat-tabakk;

(6) "faċilità" tfisser kull post, bini, uffiċċju jew distributur awtomatiku fejn il-prodotti tat-tabakk jiġu mmanifatturati, jinħażnu, jiġu ġestiti loġistikament jew finanzjarjament jew jitqiegħdu fis-suq;

(7) "apparat kontra t-tbagħbis" tfisser apparat li jippermetti li jiġi rreġistrat, permezz ta' vidjo jew ta' reġistrazzjoni, il-proċess ta' verifika wara li jiġi applikat kull identifikatur uniku tal-livell tal-pakkett individwali, li wara li jiġi rreġistrat ma jistax jerġa' jinbidel minn operatur ekonomiku;

(8) "fajls li ma jkollhomx ġerarkija interna li jintużaw offline ("offline flat files")" tfisser il-fajls elettroniċi li kull emittent tal-identifikazzjoni jistabbilixxi u jżomm, u li jkun fihom *data* f'format ta' test sempliċi li tippermetti li tiġi estratta l-informazzjoni (minbarra l-kronogramma) kkodifikata fl-identifikaturi uniċi użati fil-livell tal-pakketti individwali, kif ukoll fil-livell tal-imballaġġ aggregat, mingħajr ma jkun hemm aċċess għas-sistema ta' repożitorji;

(9) "reġistru" tfisser ir-reġistru li kull emittent tal-identifikazzjoni jistabbilixxi u jżomm b'rabta mal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni ġġenerati għall-operaturi ekonomiċi, għall-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut, għall-istabbilimenti u għall-magni, flimkien mal-informazzjoni li tikkorrispondi għalihom;

(10) "portatur tad-*data*" tfisser portatur li jirrappreżenta d-*data* f'format li jista' jinqara bl-għajnuna ta' apparat;

(11) "magna" tfisser assemblaġġi ta' makkinarju li jintużaw għall-manifattura ta' prodotti tat-tabakk u li huma integrali għall-proċess tal-manifattura;

(11a) "parti tal-magna" tfisser kwalunkwe parti fissa jew mobbli identifikabbli ta' magna dment li din il-parti tkun tikkostitwixxi modulu komplut. Parti mobbli tista' tintuża għal magna waħda jew aktar simultanjament jew b'mod interkambjabbli;

(12) "kronogramma" tfisser id-data u l-ħin meta jseħħ avveniment partikolari, irreġistrati bħala UTC (ħin universali kkoordinat), f'format stabbilit;

(13) "repożitorju primarju" tfisser repożitorju li fih tinħażen *data* relatata mat-traċċabbiltà li jkollha x'taqsam biss mal-prodotti ta' manifattur jew ta' importatur partikolari;

(14) "repożitorju sekondarju" tfisser repożitorju li jkun fih kopja tad-*data* kollha relatata mat-traċċabbiltà maħżuna fir-repożitorji primarji;

(15) "router" tfisser apparat li jkun jinsab fir-repożitorju sekondarju u li jittrasferixxi d-*data* bejn il-komponenti differenti tas-sistema ta' repożitorji;

(16) "sistema ta' repożitorji" tfisser is-sistema li tkun magħmula mir-repożitorji primarji, mir-repożitorju sekondarju u mir-router;

(17) "dizzjunarju tad-*data* komuni" tfisser sett ta' informazzjoni li tiddeskrivi l-kontenut, il-format u l-istruttura ta' bażi tad-*data* u r-relazzjoni bejn l-elementi tagħha, li tintuża biex jiġi kkontrollat l-aċċess għall-bażijiet tad-*data* u l-manipulazzjoni tagħhom, li jkunu komuni għar-repożitorji primarji u sekondarji kollha;

(18) "jum tax-xogħol" tfisser kull jum tax-xogħol fl-Istat Membru li b'rabta miegħu emittent tal-identifikazzjoni huwa kompetenti;

(19) "trażbord" tfisser kwalunkwe trasferiment tal-prodotti tat-tabakk minn vettura għall-oħra li matulu l-prodotti tat-tabakk la jidħlu f'faċilità u lanqas ma joħorġu minnha;

(20) "vann għall-bejgħ tal-prodotti" tfisser vettura li tintuża biex il-prodotti tat-tabakk jitwasslu lil diversi stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut fi kwantitajiet li ma jkunux ġew stabbiliti qabel il-konsenja;

(21) "fornitur ta' servizzi tal-IT" tfisser fornitur ta' servizzi li jingħata l-kompitu minn operatur ekonomiku li jittrażmetti informazzjoni dwar il-movimenti tal-prodotti u informazzjoni marbuta mat-tranżazzjonijiet lis-sistema ta' repożitorji.".

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. L-emittent tal-identifikazzjoni jista' jistabbilixxi u jimponi tariffi fuq l-operaturi ekonomiċi talli jkun qed jiġġenera u joħroġ l-identifikaturi uniċi. It-tariffi ma għandhomx ikunu diskriminatorji, għandhom ikunu bbażati fuq il-kost u għandhom ikunu proporzjonati għall-għadd ta' identifikaturi uniċi li jiġu ġġenerati u jinħarġu għall-operaturi ekonomiċi, filwaqt li jitqies il-mod kif dawn jitwasslulhom. It-tariffi jistgħu jirriflettu l-kostijiet fissi u varjabbli kollha mġarrba mill-emittent tal-identifikazzjoni biex jissodisfa r-rekwiżiti tiegħu skont dan ir-Regolament.".

(3) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-proċess imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitħares permezz ta' apparat kontra t-tbagħbis li tfornih u tinstallah parti terza indipendenti, li għandha tagħti dikjarazzjoni lill-Istati Membri rilevanti u lill-Kummissjoni li l-apparat installat jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Ir-reġistru ġġenerat mill-apparat għandu jipprovdi prova tal-applikazzjoni korretta u tal-leġġibbiltà ta' kull identifikatur uniku tal-livell tal-pakkett individwali. L-apparat għandu jiżgura li kwalunkwe ommissjoni fil-proċess tal-immarkar imsemmi fl-Artikolu 6 tiġi rreġistrata.".

(4) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-emittenti tal-identifikazzjoni għandu jkollhom ir-responsabbiltà li jiġġeneraw kodiċi li jkun magħmul mill-elementi elenkati fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c).

L-emittenti tal-identifikazzjoni għandhom iħejju u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku struzzjonijiet għall-kodifikazzjoni u għad-dekodifikazzjoni tal-UIs tal-livell tal-pakkett individwali f'konformità mal-Anness III.".

(5) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jibagħtu talba lill-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għall-UIs tal-livell tal-pakkett individwali msemmija fl-Artikolu 8 u l-kodiċijiet korrispondenti li jinqraw mill-bniedem imsemmija fl-Artikolu 23. It-talbiet għandhom isiru b'mod elettroniku, f'konformità mal-Artikolu 36.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fi żmien jumejn xogħol minn meta jirċievi t-talba, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jagħmel l-affarijiet li ġejjin u fl-ordni mogħtija:

(a) jiġġenera l-kodiċijiet imsemmija fl-Artikolu 8(2) u l-kodiċijiet korrispondenti li jinqraw mill-bniedem imsemmija fl-Artikolu 23;

(b) jibgħat, permezz tar-router, iż-żewġ settijiet ta' kodiċijiet, flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, lir-repożitorju primarju tal-manifattur jew tal-importatur li jkun għamel it-talba, kif stabbilit skont l-Artikolu 26; u

(c) jibgħat, b'mod elettroniku, iż-żewġ settijiet ta' kodiċijiet lill-manifattur jew lill-importatur li jkun għamel it-talba.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Madankollu, Stat Membru jista' jitlob lill-emittenti tal-identifikazzjoni joffru l-konsenja fiżika tal-UIs tal-livell tal-pakketti individwali bħala alternattiva għall-konsenja tagħhom b'mod elettroniku. Meta tiġi offruta l-konsenja fiżika tal-UIs tal-livell tal-pakketti individwali, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jispeċifikaw jekk hijiex mitluba konsenja fiżika. F'dak il-każ, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jagħmel l-affarijiet li ġejjin, u fl-ordni li ġejja:

(a) jiġġenera l-kodiċijiet imsemmija fl-Artikolu 8(2) u l-kodiċijiet korrispondenti li jinqraw mill-bniedem imsemmija fl-Artikolu 23;

(b) jibgħat, permezz tar-router, iż-żewġ settijiet ta' kodiċijiet, flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, lir-repożitorju primarju tal-manifattur jew tal-importatur li jkun għamel it-talba, kif stabbilit skont l-Artikolu 26;

(c) jibgħat, b'mod elettroniku, iż-żewġ settijiet ta' kodiċijiet lill-manifattur jew lill-importatur li jkun għamel it-talba;

(d) iwassal iż-żewġ settijiet ta' kodiċijiet lill-manifattur jew lill-importatur li jkun għamel it-talba fil-forma ta' barcodes ottiċi, konformi mal-Artikolu 21, li jkunu mpoġġijin fuq portaturi fiżiċi, bħal tikketti adeżivi.".

(6) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-emittenti tal-identifikazzjoni għandu jkollhom ir-responsabbiltà li jiġġeneraw kodiċi li jkun magħmul mill-elementi elenkati fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c).

L-emittenti tal-identifikazzjoni għandhom iħejju u jagħmlu disponibbli pubblikament struzzjonijiet għall-kodifikazzjoni u d-dekodifikazzjoni tal-UIs tal-livell aggregat.".

(7) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut għandhom japplikaw għal kodiċi wieħed ("kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku") mill-emittent tal-identifikazzjoni li jkun kompetenti għal kull Stat Membru li fih iħaddmu tal-inqas faċilità waħda. L-importaturi għandhom japplikaw ukoll għal kodiċi ta' identifikazzjoni mill-emittent tal-identifikazzjoni li jkun kompetenti għal kull Stat Membru li fis-suq tiegħu jqiegħdu l-prodotti tagħhom.

L-operaturi ekonomiċi li jimmaniġġaw imħażen indipendenti li ma humiex ibbażati fl-Unjoni u li jittrattaw prodotti manifatturati fl-Unjoni u destinati għas-swieq tal-Unjoni fi tranżitu minn pajjiżi terzi jistgħu japplikaw għal kodiċi ta' identifikazzjoni ta' operatur ekonomiku mill-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għall-Istat Membru li jitqiegħdu fis-suq tiegħu il-biċċa l-kbira tal-prodotti ttrattati minn dawn l-operaturi ekonomiċi.".

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-operatur rilevanti għandu javża lill-emittent tal-identifikazzjoni minnufih b'kull bidla fl-informazzjoni li huwa jkun bagħat fil-formola tal-applikazzjoni oriġinali u b'kull waqfien fil-ħidma tiegħu, fil-formati mogħtija fil-punti 1.2 u 1.3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II kif xieraq. F'każ li l-operatur ma jibqax jeżisti, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jneħħi mir-reġistru l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku.

Id-dereġistrazzjoni ta' kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku għandha twassal għad-dereġistrazzjoni awtomatika tal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment u tal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-magni marbutin miegħu mill-emittent tal-identifikazzjoni.".

(8) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fi żmien jumejn tax-xogħol, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jibgħat il-kodiċi lill-operatur li jkun għamel it-talba.

Jekk l-operatur li jagħmel it-talba jkun manifattur jew importatur, huwa għandu, fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta jirċievi l-kodiċi, ikompli jittrażmetti l-kodiċi flimkien mal-informazzjoni dwar ir-repożitorju primarju tiegħu stabbilita f'konformità mal-Artikolu 26 lill-operatur tar-repożitorju sekondarju.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-informazzjoni kollha li tkun intbagħtet lill-emittent tal-identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(2), u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni li jikkorrispondu magħha, għandhom jiffurmaw parti minn reġistru li l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jistabbilixxi, jamministra u jżomm aġġornat. L-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jżomm reġistru tal-informazzjoni maħżuna fir-reġistru sakemm is-sistema ta' traċċabbiltà tkun operattiva.".

(9) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istabbilimenti kollha, minn dawk tal-manifattura sal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut, għandhom jiġu identifikati b'kodiċi uniku ("il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment") li jiġġenerah l-emittent tal-identifikazzjoni li jkun kompetenti għat-territorju fejn ikun jinsab l-istabbiliment.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-ewwel faċilità tal-bejgħ bl-imnut li tkun integrata f'tip ta' faċilità mhux tal-bejgħ bl-imnut għandha tiġi identifikat b'kodiċi ta' identifikazzjoni tal-faċilità separat li jikkorrispondi għall-funzjoni tagħha.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut għandhom japplikaw għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment billi jibagħtu lill-emittent tal-identifikazzjoni l-informazzjoni elenkata fil-punt 1.4 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt.

L-operaturi ekonomiċi li jimmaniġġaw imħażen indipendenti li ma humiex ibbażati fl-Unjoni u li jittrattaw prodotti manifatturati fl-Unjoni u destinati għas-swieq tal-Unjoni fi tranżitu minn pajjiżi terzi jistgħu japplikaw għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment għal maħżen indipendenti li jinsab f'pajjiż terz minn fejn ikun ġej l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għall-Istat Membru li fis-suq tiegħu jitqiegħdu l-biċċa l-kbira tal-prodotti ġestiti minn dawn l-operaturi ekonomiċi. Għal dan il-għan, huma għandhom jipprovdu lill-emittent tal-identifikazzjoni l-informazzjoni elenkata fil-punt 1.4 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format indikat fih.";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-operatur ekonomiku għandu javża lill-emittent tal-identifikazzjoni minnufih b'kull bidla fl-informazzjoni li huwa jkun bagħat fil-formola tal-applikazzjoni oriġinali u b'kull għeluq tal-istabbiliment, fil-formati mogħtija fil-punti 1.5 u 1.6 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II.

Id-dereġistrazzjoni ta' kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment għandha twassal għad-dereġistrazzjoni awtomatika tal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-magni mill-emittent tal-identifikazzjoni."

(10) Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-informazzjoni kollha li tkun intbagħtet lill-emittent tal-identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16(2), u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni li jikkorrispondu magħha għandhom jiffurmaw parti minn reġistru li l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jistabbilixxi, jamministra u jżomm aġġornat. L-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jżomm reġistru tal-informazzjoni maħżuna fir-reġistru sakemm is-sistema ta' traċċabbiltà tkun operattiva.".

(11) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull magna u kull parti tal-magna għandha tiġi identifikata b'kodiċi uniku ("il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna") li jiġġenerah l-emittent tal-identifikazzjoni li jkun kompetenti għat-territorju fejn tkun tinsab il-magna.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fil-każ tal-magni u tal-partijiet tal-magni li jkunu jinsabu fi stabbilimenti tal-manifattura li jkunu barra l-Unjoni, huwa obbligu tal-importatur stabbilit fl-Unjoni li japplika għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna b'rabta magħhom. L-importatur għandu japplika għand wieħed mill-emittenti tal-identifikazzjoni li jkunu nħatru għall-Istat Membru li fis-suq tiegħu huwa jqiegħed il-prodotti tiegħu. Ir-reġistrazzjoni mill-importatur għandha ssir bil-kunsens tal-entità li tkun responsabbli għall-istabbiliment tal-manifattura li jkun jinsab fil-pajjiż terz. L-importatur għandu javża lill-operatur ekonomiku li jkun responsabbli għall-istabbiliment tal-manifattura li jkun jinsab fil-pajjiż terz bid-dettalji kollha tar-reġistrazzjoni, inkluż bil-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna allokat.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-manifattur jew l-importatur għandu javża lill-emittent tal-identifikazzjoni minnufih b'kull bidla fl-informazzjoni li huwa jkun bagħat fil-formola tal-applikazzjoni oriġinali u b'kull dokummissjonar tal-magni u tal-partijiet tal-magni rreġistrati, fil-formati mogħtija fil-punti 1.8 u 1.9 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II.

Il-manifatturi u l-importaturi għandhom iwettqu l-modifiki kollha meħtieġa tal-informazzjoni sottomessa fil-formoli ta' applikazzjoni inizjali sabiex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-partijiet tal-magni li jeħtieġu kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna sal-20 ta' Mejju 2024. Il-modifiki għandhom isiru fil-format indikat fil-punt 1.8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II. Dan ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għall-informazzjoni dwar il-magni li ma jkun fihom l-ebda parti tal-magna identifikabbli separatament.".

(12) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-informazzjoni kollha li tkun intbagħtet lill-emittent tal-identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18(2), u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni li jikkorrispondu magħha għandhom jiffurmaw parti minn reġistru li l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jistabbilixxi, jamministra u jżomm aġġornat. L-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jżomm reġistru tal-informazzjoni maħżuna fir-reġistru sakemm is-sistema ta' traċċabbiltà tkun operattiva.".

(13) Fl-Artikolu 20, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. L-emittenti tal-identifikazzjoni għandhom jipprovdu servizz online sigur għall-operaturi ekonomiċi u għall-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut li jippermettilhom jikkonsultaw ir-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 sa fejn huma kkonċernati l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku, tal-istabbiliment u tal-magni tagħhom stess. Dan is-servizz għandu jinkludi proċedura sigura għall-operaturi ekonomiċi u għall-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut biex jiksbu lura l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku tagħhom stess.".

(14) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fil-każ ta' UIs tal-livell tal-pakketti individwali kkonsenjati b'mod elettroniku, il-manifatturi u l-importaturi għandhom ir-responsabbiltà li jikkodifikaw il-UIs tal-livell tal-pakketti individwali f'konformità mal-paragrafu 1 u mal-Anness III.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fil-każ ta' UIs tal-livell tal-pakketti individwali kkonsenjati b'mod fiżiku, l-emittenti tal-identifikazzjoni għandhom ir-responsabbiltà jikkodifikaw il-kodiċijiet iġġenerati skont l-Artikolu 8(2) f'konformità mal-paragrafu 1 u mal-Anness III.";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Sabiex jiddistingwu l-portaturi tad-*data* li jissemmew fil-paragrafu 1 minn kull portatur ieħor tad-*data* li jista' jkun tpoġġa fuq il-pakketti individwali, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jżidu l-marka "TTT" jew "EU TTT" ħdejn dawn il-portaturi tad-*data*.

Sabiex jiddistingwu l-portaturi tad-*data* li jissemmew fil-paragrafu 5 minn kull portatur ieħor tad-*data* li jista' jkun tpoġġa fuq l-imballaġġ aggregat, l-operaturi ekonomiċi għandhom iżidu l-marka "EU TTT" ħdejn dawn il-portaturi tad-*data*.".

(15) L-Artikolu 25(1), il-punt (g), huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) għandha tippermetti li jiġu vvalidati b'mod awtomatiku l-messaġġi li jaslu mingħand l-operaturi ekonomiċi f'kull punt tad-dħul fis-sistema, fosthom ir-rifjut tal-messaġġi li ma jkunux korretti jew li ma jkunux kompluti, b'mod partikolari l-attivitajiet tar-rapportar relatati ma' identifikaturi uniċi mhux irreġistrati jew idduplikati, u s-sistema ta' repożitorji għandha taħżen l-informazzjoni dwar kull messaġġ li jkun ġie rrifjutat. Il-messaġġi trażmessi mill-emittenti tal-identifikazzjoni u mir-repożitorji primarji lir-router u r-repożitorju sekondarju għandhom jerġgħu jiġu vvalidati mir-riċevitur;".

(16) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-repożitorju sekondarju għandu jipprovdi għal interfaċċi grafiċi u mhux grafiċi, inkluż interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, interfaċċi tal-utenti stazzjonarji u mobbli li jkun fihom applikazzjoni ta' spezzjoni għas-sistemi operattivi mobbli ewlenin, li jippermettu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaċċessaw u jfittxu d-*data* maħżuna fis-sistema ta' repożitorji, bl-użu tal-funzjonijiet kollha ta' tiftix tad-*data* disponibbli b'mod komuni, inkluż il-Lingwaġġ ta' Mistoqsijiet Strutturati (SQL) jew sintassi ekwivalenti għall-bini ta' mistoqsijiet regolari, b'mod partikolari billi jwettqu mill-bogħod l-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-irkupru tal-informazzjoni kollha dwar identifikatur uniku wieħed jew dwar diversi identifikaturi uniċi, fosthom it-tqabbil u l-kontroverifika ta' diversi identifikaturi uniċi u tal-informazzjoni marbuta magħhom, b'mod partikolari fejn jinsabu fil-katina tal-provvista;

(b) il-ħolqien ta' listi u ta' statistika, bħall-istokkijiet tal-prodotti u l-għadd ta' prodotti li jidħlu ġo faċilità u li joħorġu minnha, b'rabta ma' element wieħed jew ma' diversi elementi tal-informazzjoni tar-rapportar li huma mniżżlin bħala Attributi tad-*data* fl-Anness II;

(c) l-identifikazzjoni tal-prodotti kollha tat-tabakk li operatur ekonomiku rrapporta lis-sistema, fosthom tal-prodotti rrappurtati bħala prodotti li ssejħu lura, li ġew irtirati, li nsterqu, li huma neqsin jew li hemm il-ħsieb li jinqerdu.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-interfaċċi tal-utent li jissemmew fil-paragrafu 2 għandhom jippermettu lil kull Stat Membru u lill-Kummissjoni jikkonfiguraw ir-regoli tagħhom għal:

(a) l-għoti ta' twissijiet awtomatiċi abbażi ta' eċċezzjonijiet u ta' avvenimenti speċifiċi tar-rapportar, bħall-varjazzjonijiet jew l-irregolaritajiet f'daqqa waħda fil-kummerċ, it-tentattivi biex jiddaħħlu identifikaturi uniċi dduplikati fis-sistema, id-diżattivazzjoni tal-identifikaturi msemmija fl-Artikoli 15(4), 17(4) u 19(4), u l-indikazzjoni min-naħa tal-operaturi ekomomiċi li prodott insteraq jew li dan huwa nieqes;

(b) il-wasla ta' rapporti perjodiċi bbażati fuq kull kombinazzjoni tal-elementi tal-informazzjoni tar-rapportar li huma mniżżlin bħala Attributi tad-*data* fl-Anness II;

(c) pannelli tal-istrumenti mfassla apposta, għal interfaċċi stazzjonarji.";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-interfaċċi tal-utent li jissemmew fil-paragrafu 2 għandhom jippermettu lil kull Stat Membru u lill-Kummissjoni:

(a) jikkollegaw mill-bogħod mad-*data* maħżuna fis-sistema ta' repożitorji bis-software analitiku tal-għażla tagħhom;

(b) jimmarkaw punti tad-*data* individwali għal skopijiet analitiċi, bil-marki u l-valuri tagħhom maħżuna fir-repożitorju sekondarju u magħmula viżibbli għall-utenti kollha jew għal dawk magħżula biss;

(c) itellgħu elementi tad-*data* esterni, bħal xejriet ta' normalizzazzjoni tal-marka, li jistgħu jkunu meħtieġa għal titjib fil-funzjonalitajiet analitiċi tad-*data*.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-interfaċċi tal-utent li jissemmew fil-paragrafu 2 għandhom jiġu pprovduti bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.".

(e) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Mingħajr preġudizzju għall-veloċità tal-konnessjoni tal-Internet tal-utent aħħari, il-ħin ġenerali tar-rispons tar-repożitorju għal kull tip ta' mistoqsija speċifika jew għal kull skattatur ta' mistoqsijiet jew twissija speċifiku diġà stabbiliti, ma għandux ikun ta' iktar minn 10 sekondi fil-każ ta' *data* li tkun ilha maħżuna inqas minn sentejn, u ta' iktar minn 15-il sekonda fil-każ ta' *data* li tkun ilha maħżuna sentejn jew iktar, f'tal-inqas 99 % tal-mistoqsijiet u tat-twissijiet awtomatiċi kollha diġà stabbiliti previsti skont il-paragrafi 2 u 3. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jħejji s-settijiet tad-*data* meħtieġa biex iwieġeb, f'konformità mal-iskedi ta' żmien preskritti, għal kwalunkwe mistoqsija jew twissija ġdida fi żmien 4 ġimgħat minn meta jirċievi talba mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni. Wara dan il-perjodu, it-tipi ta' mistoqsijiet jew skattaturi ta' mistoqsija jew ta' twissija li jkunu għadhom kif ġew mitluba għandhom jitqiesu li huma diġà stabbiliti għall-finijiet tal-ħinijiet ta' rispons stipulati f'dan il-paragrafu.";

(f) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Fir-rigward tal-punti tad-*data* individwali u l-messaġġi, il-ħin li jgħaddi minn meta tasal id-*data* tal-attività tar-rapportar u meta din tkun aċċessibbli fir-repożitorji primarji u sekondarji permezz tal-interfaċċji grafiċi u mhux grafiċi, ma għandux ikun ta' iktar minn 60 sekonda f'tal-inqas 99 % tal-attivitajiet kollha tat-trasferiment tad-*data*. Fir-rigward ta' settijiet tad-*data* analitiċi prestrutturati, il-ħin ġenerali bejn il-wasla tad-*data* dwar l-attività ta' rapportar u l-aċċessibbiltà tagħha, permezz tal-interfaċċi grafiċi, fir-repożitorju sekondarju ma għandux ikun ta' aktar minn 24 siegħa f'mill-inqas 99 % tal-attivitajiet kollha ta' trasferiment tad-*data*.";

(g) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jistabbilixxi u jżomm reġistru tal-informazzjoni li tkun ġiet ittrasferita lilu f'konformità mal-Artkolu 20(3). Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jżomm reġistru tal-informazzjoni maħżuna fir-reġistru sakemm is-sistema ta' traċċabbiltà tkun operattiva.

L-emittenti tal-identifikazzjoni u l-forniturі tar-repożitorji primarji jista' jkollhom aċċess għar-reġistru msemmi fl-ewwel subparagrafu sabiex jivvalidaw il-messaġġi mibgħuta lilhom mill-manifatturi u mill-importaturi.";

(h) jiżdied il-paragrafu 13 li ġej:

"13. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jorganizza mill-inqas sessjoni waħda ta' taħriġ tekniku ta' ġurnata sħiħa fis-sena għall-utenti minn kull Stat Membru u mill-Kummissjoni, dwar l-użu tal-interfaċċi tal-utent imsemmija fil-paragrafu 2. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jiżviluppa u jżomm ukoll aġġornat sett sħiħ ta' dokumentazzjoni teknika u tal-utent għall-awtoritajiet kompetenti disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.";

(i) jiżdied il-paragrafu 14 li ġej:

"14. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jipprovdi applikazzjoni għal spezzjoni għas-sistemi operattivi mobbli ewlenin li tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkollegaw mar-repożitorju sekondarju permezz tal-interfaċċi tal-utenti mobbli msemmija fil-paragrafu 2.".

(17) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju għandu jibgħat lill-forniturі li jkunu qed iħaddmu r-repożitorji primarji, lill-emittenti tal-identifikazzjoni u lill-operaturi ekonomiċi l-lista tal-ispeċifikazzjonijiet, inkluż ir-regoli ta' validazzjoni komuni, meħtieġa għall-iskambju tad-*data* mar-repożitorju sekondarju u mar-router. L-ispeċifikazzjonijiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq standards miftuħin mhux proprjetarji.

Kwalunkwe fornitur ta' sostituzzjoni magħżul ġdid li jopera r-repożitorju sekondarju għandu jiddependi fuq l-aktar verżjoni reċenti tal-lista ta' speċifikazzjonijiet ikkomunikata mill-predeċessur tiegħu. Kwalunkwe aġġornament fil-lista ta' speċifikazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-bidla tal-identità tal-fornitur għandu jsir f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3.

Il-lista msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tintbagħat sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-*data* meta jintgħażel il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju għandu jistabbilixxi dizzjunarju tad-*data* komuni abbażi tal-informazzjoni mniżżla fl-Anness II. Id-dizzjunarju tad-*data* komuni għandu jirreferi għat-tikketti tal-attributi tad-*data* fil-format li jinqara mill-bniedem.

Kwalunkwe fornitur ta' sostituzzjoni magħżul ġdid li jopera r-repożitorju sekondarju għandu jibbaża fuq l-aħħar verżjoni tad-dizzjunarju tad-*data* kkomunikata mill-predeċessur tiegħu. Kwalunkwe aġġornament fid-dizzjunarju tad-*data* li jmur lil hinn mill-bidla tal-identità tal-fornitur għandu jsir f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3.

Id-dizzjunarju tad-*data* komuni għandu jintbagħat lill-forniturili jkunu qed iħaddmu r-repożitorji primarji sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-*data* meta jintgħażel il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull meta jkun hemm bżonn biex ikun żgurat li s-sistema ta' repożitorji taħdem b'mod effettiv skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju għandu jaġġorna l-lista msemmija fil-paragrafu 1 u d-dizzjunarju tad-*data* komuni msemmi fil-paragrafu 2. Kwalunkwe aġġornament bħal dan għandu jiġi kkonsultat ma' forniturili joperaw repożitorji primarji u emittenti tal-identifikazzjoni, u sussegwentement jiġi kkomunikat lill-forniturili joperaw repożitorji primarji, lill-emittenti tal-identifikazzjoni u lill-operaturi ekonomiċi mill-inqas xahrejn qabel id-*data* tal-implimentazzjoni tal-aġġornament fis-sistema.";

(d) jiżdiedu l-paragrafi 4, 5 u 6 li ġejjin:

"4. Fuq talba mill-fornitur ta' repożitorju primarju, il-fornitur tar-repożitorju sekondarju jista' jwettaq operazzjonijiet ta' pproċessar mill-ġdid tad-*data* sa fejn dawn ikunu meħtieġa biex jiġu eliminati l-konsegwenzi ta' inċidenti u fallimenti tal-IT fil-passat. Dawn l-operazzjonijiet għandhom ikunu possibbli biss biex titlesta jew tiġi kkoreġuta l-informazzjoni maħżuna fir-repożitorju sekondarju u jkunu limitati għat-tħaddim mill-ġdid ta' operazzjonijiet regolari tar-repożitorju sekondarju. Għandhom jeskludu sal-massimu possibbli l-konsegwenzi negattivi għal kwalunkwe operatur ekonomiku mhux relatat mar-repożitorju primarju li jagħmel it-talba.

5. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jistabbilixxi servizz ta' helpdesk għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għall-Kummissjoni, għall-emittenti tal-identifikazzjoni, għall-forniturituras-servizzi tar-repożitorju, għall-operaturi ekonomiċi u għall-forniturituras-servizzi tal-IT. Is-servizz tal-helpdesk għandu jikkonċerna biss l-attivitajiet u l-funzjonijiet tar-router u tar-repożitorju sekondarju u jkun disponibbli fl-Istati Membri kollha għal mill-inqas 8 sigħat fil-jiem tax-xogħol, bl-eċċezzjoni tal-1 ta' Jannar, tal-25 ta' Diċembru u tas-26 ta' Diċembru, u jkun tal-anqas bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. Il-ħinijiet tar-rispons ma għandhomx ikunu aktar minn jumejn tax-xogħol f'mill-inqas 75 % tat-talbiet kollha. Il-ħin medju ta' kull xahar ta' rispons għal kull talba ma għandux ikun ta' aktar minn 4 ijiem tax-xogħol. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju jista' jirregola l-aċċess għas-servizz tal-helpdesk għall-operaturi ekonomiċi bħala parti mill-politika tiegħu dwar l-użu ġust stabbilita skont it-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29(6) u l-kuntratti msemmija fil-paragrafu 4 tal-Parti B tal-Anness I.

6. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jistabbilixxi ambjent ta' ttestjar li jippermetti lill-emittenti tal-identifikazzjoni, forniturili joperaw repożitorji primarji u lill-operaturi ekonomiċi li jwettqu assigurazzjoni tal-kwalità tas-soluzzjonijiet tekniċi u r-rutini tagħhom qabel ma jikkonnettjaw mas-sistema tar-repożitorji. L-ambjent tat-test għandu jissimula mill-qrib is-sistema ta' repożitorji.

Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jistabbilixxi ambjent għall-ittestjar tal-aċċettazzjoni mill-utent li jippermetti lill-emittenti tal-identifikazzjoni, forniturili joperaw repożitorji primarji u lill-operaturi ekonomiċi jwettqu assigurazzjoni tal-kwalità tas-soluzzjonijiet tekniċi u tar-rutini tagħhom b'antiċipazzjoni għall-verżjoni li jmiss tas-sistema tar-repożitorji. L-ambjent tal-ittestjar tal-aċċettazzjoni mill-utent għandu jirrifletti kwalunkwe bidla ppjanata fis-sistema tar-repożitorji mal-komunikazzjoni tagħhom f'konformità mal-paragrafu 3."

(18) Fl-Artikolu 29, jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

"5. Il-manifatturi u l-importaturi li għandhom dubju dwar il-funzjonament korrett tar-repożitorji primarji tagħhom għandu jkollhom il-possibbiltà li jivverifikaw permezz tar-router, billi jikkonsultaw lill-operatur tar-router, jekk il-messaġġi li jikkonċernaw id-dispaċċ finali ta' prodotti mill-pussess fiżiku tagħhom li jintbagħtu lir-repożitorji primarji, ikunux ġew trażmessi b'mod korrett. L-operatur tar-router jista' jistabbilixxi limitu ta' kuljum fuq l-użu ta' din il-funzjonalità.

6. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jistabbilixxi u jikkomunika lill-operaturi ekonomiċi u lill-forniturituras-servizzi tal-IT it-termini u l-kundizzjonijiet, inkluża l-politika dwar l-użu ġust, applikabbli għall-użu tar-repożitorju sekondarju u tar-router. It-termini u l-kundizzjonijiet għandhom jiggarantixxu d-dritt tal-operaturi ekonomiċi li jużaw ir-repożitorju sekondarju u r-router f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom u għandhom jipprevjenu każijiet ripetuti ta' użu negliġenti."

(19) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 30*

Kostijiet tas-sistema ta' repożitorji

1. Il-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk għandhom iġarrbu l-kostijiet ordinarji kollha relatati mas-sistema ta' repożitorji msemmija fl-Artikolu 24(1), fosthom dawk li jirriżultaw mit-twaqqif, mit-tħaddim u mill-manutenzjoni tagħha. Dawk il-kostijiet għandhom ikunu ġusti, raġonevoli u proporzjonati:

(a) għas-servizzi mogħtija; u

(b) għall-ammont ta' UIs tal-livell tal-pakketti individwali mitlub fuq perjodu partikolari taż-żmien.

2. Il-kostijiet ordinarji tal-istabbiliment, tat-tħaddim u taż-żamma tar-repożitorju sekondarju u tar-router, skont il-każ, għandhom jintbagħtu lill-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk permezz tal-kostijiet li l-fornituri tar-repożitorji primarji jimponu fuqhom.

3. Il-kostijiet straordinarji kollha relatati mal-operazzjonijiet ta' pproċessar mill-ġdid imsemmija fl-Artikolu 28(4) imposti mill-fornitur tar-repożitorju sekondarju lill-fornitur tar-repożitorju primarju li jkun għamel it-talba għandhom ikunu ġusti, raġonevoli u proporzjonati għas-servizzi mogħtija. Madankollu, il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jġarrab kwalunkwe kost straordinarju tal-operazzjonijiet ta' pproċessar mill-ġdid imsemmija fl-Artikolu 28(4) sal-punt li jkun responsabbli għall-kawżi li jwasslu għall-operazzjonijiet ta' pproċessar mill-ġdid.".

(20) l-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jittrażmettu l-informazzjoni mniżżla fil-punti 3.1 sa 3.5 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dawk il-punti, lir-repożitorju primarju li huma jkunu qabbdu. L-operaturi ekonomiċi l-oħrajn kollha għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punti 3.1 sa 3.5 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dawk il-punti, permezz tar-router.

Għad-dispaċċ ta' prodotti tat-tabakk lil-laboratorji, liċ-ċentri tar-rimi tal-iskart, lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-organizzazzjonijiet governattivi internazzjonali, lill-ambaxxati u lill-bażijiet militari, lill-manifatturi u lill-importaturi għandhom jittrażmettu l-informazzjoni elenkata fil-punt 3.8 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format indikat fih, lir-repożitorju primarju kkuntrattat minnhom. L-operaturi ekonomiċi l-oħrajn kollha għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punt 3.8 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt, permezz tar-router.";

(b) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Jekk il-prodotti tat-tabakk jinqerdu jew jinsterqu, wara li fuqhom ikun ġie applikat l-identifikatur uniku, l-operaturi ekonomiċi għandhom jibagħtu mill-ewwel talba għad-diżattivazzjoni f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni u l-format speċifikati fil-punt 2.3 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tal-Anness II.

Jekk il-prodotti tat-tabakk irrapportati bħala misruqa jiġu rkuprati, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jittrażmettu talba ta' riattivazzjoni f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni u l-format speċifikati fil-punt 2.4 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tal-Anness II.

7. L-informazzjoni dwar l-avveniment għandha titqies li tkun intbagħtet sewwa meta jkun hemm messaġġ ta' rikonoxximent pożittiv tagħha min-naħa tar-repożitorji primarji jew tar-router. Ir-rikonoxximent pożittiv għandu jinkludi l-informazzjoni ta' feedback li tippermetti lir-riċevitur jistabbilixxi l-korrettezza tal-attività ta' rapportar tiegħu, b'mod partikolari n-numru ta' identifikaturi uniċi fil-livell ta' unità kkonċernati mill-avveniment u fil-każ ta' diżaggregazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-identifikaturi uniċi subordinati. Il-messaġġ ta' rikonoxximent għandu jinkludi kodiċi tas-sejħa lura tal-messaġġ li l-operatur ekonomiku għandu juża jekk il-messaġġ oriġinali jkollu jitħassar."

(c) jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. Ir-responsabbiltà għar-reġistrazzjoni u t-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar l-avvenimenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun tal-operatur ekonomiku li jkun fil-pussess tal-prodotti tat-tabakk. Għal dak il-għan, l-attivitajiet kollha ta' rapportar għandhom jużaw il-kodiċi ta' identifikatur ta' dan l-operatur ekonomiku. Il-forniturі ta' servizzi tal-IT jistgħu wkoll jittrażmettu din l-informazzjoni f'isem l-operatur ekonomiku li jkun fil-pussess tal-prodotti tat-tabakk."

(21) Fl-Artikolu 33, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ir-responsabbiltà għar-reġistrazzjoni u t-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun tal-operatur ekonomiku li jkun il-bejjiegħ. Għal dan il-għan, l-attivitajiet kollha ta' rapportar għandhom jużaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' dan l-operatur ekonomiku. Il-forniturі ta' servizzi tal-IT jistgħu wkoll jittrażmettu din l-informazzjoni f'isem l-operatur ekonomiku li jkun il-bejjiegħ tal-prodotti tat-tabakk."

(22) l-Artikolu 34 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jibagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32(1)(a), (b) u (d), fl-Artikolu 32(3) u (4) u fl-Artikolu 33(1) fi żmien 3 sigħat minn meta jseħħ l-avveniment.

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 għandha tintbagħat fl-ordni ta'kif iseħħu l-avvenimenti.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu japplika mill-20 ta' Mejju 2028. Sa dik id-data, l-operaturi ekonomiċi kollha jistgħu jibagħtu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 24 siegħa minn meta jseħħ l-avveniment.".

(23) L-Artikolu 36(1), il-punt (a), huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) mill-emittent tal-identifikazzjoni fil-każ tal-komunikazzjonijiet bejnu u bejn l-emittent tal-identifikazzjoni, l-operaturi ekonomiċi li jkunu qed jirreġistraw miegħu jew li jkunu qed jitolbuh joħorġilhom identifikaturi uniċi;".

(24) Jiddaħħal l-Artikolu 36a li ġej:

"*Artikolu 36a*

Il-kwalità tad-*data*

1. L-Istati Membri jistgħu joħorġu rapporti dwar il-kwalità mhux adegwata tad-*data* rrapportata mill-operaturi ekonomiċi lis-sistema ta' repożitorji. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu indirizzati lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati u għandhom jinkludu eżempji ta' rapportar ħażin.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-emittenti tal-identifikazzjoni jwettqu kontrolli tal-indirizzi u ta' *data* oħra verifikabbli b'mod elettroniku li tiġi pprovduta lis-sistema mill-operaturi ekonomiċi u mill-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut permezz tal-emittenti tal-identifikazzjoni.".

(25) L-Annessi I u II huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

(26) L-Anness III jiżdied f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-21 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/574 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

1.1. Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Fejn diversi persuni ġuridiċi jikkostitwixxu l-istess manifattur jew importatur, in-notifika għandha tiġi ppreżentata b'mod konġunt mill-persuni ġuridiċi kollha."

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1b li ġej:

"1b. F'każijiet fejn l-importatur ikkonċernat jikkoopera ma' manifattur wieħed mhux tal-UE biss jew jappartjeni għall-istess grupp ta' kumpaniji bħal dan tal-aħħar, il-kuntratt għall-ħżin tad-*data* jista' jiġi ffirmat b'mod konġunt kemm mill-importatur kif ukoll mill-manifattur mhux tal-UE. F'każijiet fejn l-importatur ikkonċernat jikkoopera ma' diversi manifatturi mhux tal-UE jew ikun ukoll manifattur tal-Unjoni huwa nnifsu, il-kuntratt għall-ħżin tad-*data* għandu jiġi ffirmat biss mill-importatur."

(c) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Kwalunkwe emenda fl-elementi ewlenin tal-kuntratt, kif definit fir-Regolament Delegat (UE) 2018/573, għandha tkun soġġetta għal approvazzjoni mill-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' tweġiba mill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika tal-emenda, l-emenda għandha titqies bħala approvata. Din l-iskadenza tista' tiġi estiża mill-Kummissjoni darba b'massimu ta' 3 xhur oħra, permezz ta' ittra lill-operatur notifikanti. Kwalunkwe emenda oħra għall-kuntratt minbarra l-elementi ewlenin tiegħu għandha teħtieġ biss komunikazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni."

1.2. Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jitħassru l-kliem "fi żmien 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat (UE) 2018/573".

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-ħatra tal-operatur tar-repożitorju sekondarju għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni ta' kriterji oġġettivi u għandha sseħħ permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni konkluż bil-miktub bejn il-Kummissjoni u kull operatur sussegwenti tar-repożitorju sekondarju."

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-kuntratti bejn kull fornitur tar-repożitorju primarju u l-operatur tar-repożitorju sekondarju għandhom jiġu ffirmati u ppreżentati lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur mid-data tal-ħatra ta' kull operatur suċċessiv tar-repożitorju sekondarju."

1.3. Il-Parti C hija sostitwita b'li ġej:

"PARTI C

Minbarra l-proċeduri tal-għażla deskritti fil-Partijiet A u B, għandhom japplikaw ukoll ir-rekwiżiti li ġejjin:

1. Meta r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-manifattur jew l-importatur u l-fornitur tar-repożitorju primarju tiġi tterminata, jew tkun mistennija li tiġi tterminata, minn kwalunkwe parti għall-kuntratt, għal kwalunkwe raġuni, inkluż in-nuqqas ta' konformità mal-kriterji tal-indipendenza stabbiliti fl-Artikolu 35, il-manifattur jew l-importatur għandu jgħarraf lill-Kummissjoni minnufih b'din it-terminazzjoni, jew bit-terminazzjoni mistennija, u bid-data tan-notifika ta' din it-terminazzjoni u lill-fornitur, kif ukoll bid-data meta dik it-terminazzjoni għandha tidħol jew hija mistennija li tidħol fis-seħħ. Il-manifattur jew l-importatur għandu jipproponi u javża lill-Kummissjoni b'fornitur ta' sostituzzjoni sa mhux aktar tard minn 3 xhur qabel id-data ta' terminazzjoni tal-kuntratt eżistenti. Il-ħatra tal-fornitur ta' sostituzzjoni għandha sseħħ f'konformità mal-Parti A.

2. F'każ li l-operatur tar-repożitorju sekondarju javża li huwa jkun beħsiebu jieqaf iħaddem dak repożitorju f'konformità mal-kuntratt ta' konċessjoni msemmi fil-paragrafu 2 tal-Parti B, huwa għandu javża lill-Kummissjoni minnufih b'dan u bid-data meta għandha tidħol fis-seħħ dik it-terminazzjoni. Il-perjodu ta' avviż ma għandux ikun iqsar minn 9 xhur. Il-kuntratt għandu jipprevedi li l-Kummissjoni tkun tista' Textendih b'mod unilaterali sa 6 xhur jekk ikun meħtieġ biex jiġi stabbilit u operazzjonalizzat operatur sostitut ta' repożitorju sekondarju. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bil-perjodu ta' avviż u bl-estensjoni potenzjali tiegħu.

3. Fejn japplika l-paragrafu 1, il-kuntratt imsemmi fil-paragrafu 4 tal-Parti B għandu, min-naħa tiegħu, jintemm mill-partijiet immedjatament wara l-għeluq tar-repożitorju primarju affettwat."

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

2.1. It-taqsima introduttorja "Il-messaġġi ewlenin li l-operaturi ekonomiċi għandhom jibagħtu" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Messaġġi ewlenin li għandhom jintbagħtu mill-operaturi ekonomiċi**

Il-messaġġi meħtieġa għall-għanijiet regolatorji għandu jkun fihom tal-inqas il-kampijiet tad-*data* mniżżlin f'dan l-Anness.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jeħtieġu estensjoni tad-*data* tal-indirizz biex jinkludu koordinati ġeografiċi eżatti (latitudni u lonġitudni). Kemm l-emittenti tal-identifikazzjoni kif ukoll il-fornituri tar-repożitorji tad-*data* (inkluż tar-router) jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-kontenut tal-messaġġ għal raġunijiet strettament tekniċi sabiex jiżguraw li s-sistema ta' traċċabbiltà taħdem bla intoppi. L-emittenti tal-identifikazzjoni jistgħu jiddeċiedu wkoll li jestendu l-kontenut tal-messaġġ għal raġunijiet mhux tekniċi biex jiżguraw il-funzjonament bla xkiel tas-sistema ta' traċċabbiltà tal-prodotti tat-tabakk ma' sistemi oħrajn użati għal skopijiet regolatorji. Qabel ma jsiru effettivi, dawn l-estensjonijiet għandhom jiġu riflessi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi aġġornati f'konformità mal-Artikolu 28.

Il-messaġġi mniżżlin f'dan l-Anness ma jinkludux il-messaġġi li l-emittenti tal-identifikazzjoni u l-fornituri tar-repożitorji tad-*data* (inkluż tar-router) iridu jibagħtu lura lill-operaturi ekonomiċi, bħall-konfermi tar-riċevuta.

Il-messaġġi kollha ġġenerati fi ħdan is-sistema ta' traċċabbiltà għandu jkun fihom l-identifikazzjoni tal-oriġinatur tal-messaġġ u kronogramma sal-livell ta' millisekonda (ara t-Tip ta' *Data*: Time(L)). Din il-kronogramma ma tissostitwix il-ħin tal-okkorrenza ta' avveniment irrapportat, li għandu jiġi rrapportat separatament f'konformità mal-kampijiet tad-*data* stabbiliti f'dan l-Anness. L-identifikazzjoni tal-oriġinatur tal-messaġġ, li tista' tikkonċerna fornitur ta' servizzi tal-IT ta' parti terza, ma tissostitwix l-identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku responsabbli għall-attività ta' rapportar (permezz ta' EOID li għandha tiġi indikata fil-kamp EO_ID). Il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-oriġinatur tal-messaġġ għandhom jiġu speċifikati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti u aġġornati f'konformità mal-Artikolu 28.

L-emittenti tal-identifikazzjoni u l-fornituri tar-repożitorji tad-*data* (inkluż tar-router) għandhom jimmarkaw il-ħin fuq kull messaġġ li jirċievu sal-livell ta' millisekonda.

Fil-każ ta' emendi għal dan l-Anness, kwalunkwe bidla fil-messaġġi ewlenin elenkati hawnhekk issir applikabbli għall-operaturi ekonomiċi mill-mument li dawn il-bidliet jiġu riflessi kif xieraq fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u fid-dizzjunarju komuni tad-*data* stabbilit u aġġornat f'konformità mal-Artikolu 28."

2.2. It-Taqsima 1 fil-Kapitolu I hija emendata kif ġej:

(a) ir-ringiela tat-tabella għat-Tip ta' *Data* "Pajjiż" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Pajjiż	Isem il-pajjiż mogħti bil-kodiċi ISO-3166-1:2013 alpha-2 (jew l-ekwivalenti l-aktar riċenti tiegħu). Għar-reġjuni *extra*-Ewropej u awtonomi, huwa applikabbli l-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru rilevanti. Fil-każ tal-Irlanda ta' Fuq, huwa applikabbli l-kodiċi "XI". Fil-każ tal-ilmijiet internazzjonali, huwa applikabbli l-kodiċi "XZ".	'DE'"

(b) ir-ringiela tat-tabella għat-Tip ta' *Data* "Text" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Text	Sett ta' karattri bil-kodiċi ISO8859-15:1999	'Abcde:12345'"

(c) ir-ringiela tat-tabella għat-Tip ta' *Data* "Time(L)" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Time(L)	UTC (Il-Ħin Universali Kkoordinat), mogħti fil-format li ġej: SSSS-XX-JJTSS:mm:ss.SSSZ '2019-07-16T19:20:30.205Z'"	

(d) ir-ringiela tat-tabella għat-Tip ta' *Data* "upUI(L)" hija sostitwita b'dan li ġej:

"upUI(L)	Identifikatur uniku tal-livell tal-pakketti individwali kkodifikat bissett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991 u magħmul minn tliet partijiet: (i) il-prefiss tal-emittent tal-identifikazzjoni f'konformità mal-istandard tal-ISO 15459-2:2015; (ii) il-parti tan-nofs fil-format stabbilit mill-emittent tal-identifikazzjoni; u (iii) il-kronogramma fil-format tat-Tip ta' *Data*: Time(s)"	

(e) ir-ringiela tat-tabella li ġejja tiddaħħal wara r-ringiela tat-tabella għat-Tip ta' *Data* "upUI(L)":

"upUI(i)	Identifikatur uniku tal-livell tal-pakketti individwali kkodifikat bissett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991 u magħmul minn żewġ partijiet: (i) il-prefiss tal-emittent tal-identifikazzjoni f'konformità mal-ISO15459-2:2015 u (ii) il-blokka tan-nofs fil-format stabbilit mill-emittent tal-identifikazzjoni (jiġifieri upUI(i) huwa upUI(L) mingħajr il-kronogramma, kodiċi li għandu jiġi ġġenerat mill-emittenti tal-identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament)"	

(f) ir-ringiela tat-tabella għat-Tip ta' *Data* "upUI(s)" hija sostitwita b'dan li ġej:

"upUI(s)	Identifikatur uniku tal-livell tal-pakketti individwali kkodifikat bissett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991 u magħmul minn żewġ partijiet: (i) il-prefiss tal-emittent tal-identifikazzjoni f'konformità mal-istandard tal-ISO 15459-2:2015; u (ii) l-element li jagħti n-numru tas-serje fil-format stabbilit mill-emittent tal-identifikazzjoni (jiġifieri identifikatur uniku (UI) li jkun jidher fuq il-pakketti individwali f'format li jinqara mill-bniedem f'konformità mal-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament) Kull meta jkun possibbli, l-emittenti tal-identifikazzjoni jintalbu biex ma jużawx l-ittra 'O' (Oscar) u l-ittra 'l' żgħira (lima) kif ukoll l-ittra 'I' kbira (Indja) biex jevitaw konfużjoni man-numri "0" (żero) u '1' (wieħed), rispettivament."	

2.3. It-Taqsima 1 fil-Kapitolu II hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 1.1., ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "EO_Address" hija sostitwita b'dan li ġej:

	"EO_street	L-isem tat-triq u n-numru taddar tal-operatur ekonomiku (jew in-numru tat-triq u l-kilometri)	Text	S	M	

	EO_municipality	Muniċipalità ta' operatur ekonomiku (belt, raħal jew villaġġ)	Text	S	M	
	EO_postcode	Il-kodiċi postali tal-operatur ekonomiku	Text	S	M	il-valur 'n/a' huwa permess jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda kodiċi postali"
	EO_A_info	Informazzjoni addizzjonali dwar l-indirizz tal-operatur ekonomiku (eż. il-post fiċ-ċentru kummerċjali jew f'żona industrijali)	Text	S	O	

(b) fil-punt 1.2, ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "EO_Address" hija sostitwita b'dan li ġej:

	"EO_street	L-isem tat-triq u n-numru tad-dar tal-operatur ekonomiku (jew in-numru tat-triq u l-kilometri)	Text	S	M	
	EO_municipality	Muniċipalità ta' operatur ekonomiku (belt, raħal jew villaġġ)	Text	S	M	
	EO_postcode	Il-kodiċi postali tal-operatur ekonomiku	Text	S	M	il-valur 'n/a' huwa permess jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda kodiċi postali"
	EO_A_info	Informazzjoni addizzjonali dwar l-indirizz tal-operatur ekonomiku (eż. il-post fiċ-ċentru tax-xiri jew f'żona industrijali)	Text	S	O	

(c) fil-punt 1.4, ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "F_Address" huwa sostitwit b'dan li ġej:

	"F_street	L-isem tat-triq u n-numru tad-dar tal-faċilità (jew in-numru tat-triq u l-kilometri)	Text	S	M	
	F_municipality	Il-muniċipalità tal-faċilità (belt, raħal jew villaġġ)	Text	S	M	
	F_postcode	Il-kodiċi postali tal-faċilità	Text	S	M	il-valur 'n/a' huwa permess jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda kodiċi postali"
	F_A_info	Informazzjoni addizzjonali dwar l-indirizz tal-faċilità (eż. il-post fiċ-ċentru tax-xiri jew fiż-żona industrijali)	Text	S	O	

(d) fil-punt 1.4., ir-ringieli tat-tabella li ġejjin jiddaħħlu wara r-ringiela tat-tabella għall-Kamp "OtherFID_N":

	"PrevFID_B	Indikazzjoni ta' jekk l-faċilità ġiex akkwistat minn operatur ieħor u kellux diġà kodiċi ta' identifikazzjoni tal-faċilità	Boolean	S	M	0 – Le (reġistrazzjoni għall-ewwel darba) 1 – Iva"
	PrevFID_ID	Identifikatur tal-faċilità preċedenti użat mill-operatur tal-faċilità preċedenti	FID	S	M, jekk PrevFID_B = 1	

(e) fil-punt 1.5, ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "F_Address" hija sostitwita b'dan li ġej:

	"F_street	L-isem tat-triq u n-numru tad-dar tal-faċilità (jew in-numru tat-triq u l-kilometri)	Text	S	M	
	F_municipality	Il-muniċipalità tal-faċilità (belt, raħal jew villaġġ)	Text	S	M	
	F_postcode	Il-kodiċi postali tal-faċilità	Text	S	M	il-valur 'n/a' huwa permess jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda kodiċi postali"
	F_A_info	Informazzjoni addizzjonali dwar l-indirizz tal-faċilità (eż. il-post fiċ-ċentru tax-xiri jew fiż-żona industrijali)	Text	S	O	

(f) fil-punt 1.5., ir-ringieli tat-tabella li ġejjin jiddaħħlu wara r-ringiela tat-tabella għall-Kamp "OtherFID_N":

	"PrevFID_B	Indikazzjoni ta' jekk l-faċilità ġiex akkwistat minn operatur ieħor u kellux diġà kodiċi ta' identifikazzjoni tal-faċilità	Boolean	S	M	0 – Le (reġistrazzjoni għall-ewwel darba) 1 – Iva"
	PrevFID_ID	Identifikatur tal-faċilità preċedenti użat mill-operatur tal-faċilità preċedenti	FID	S	M, jekk PrevFID_B = 1	

(g) il-punt 1.7. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.7. **Talba għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna**

Entrata #	Kamp	Kummenti	Tip ta' *Data*	Kardinalità	Prijorità	Valuri
	Tip_messaġġ	Identifikazzjoni tat-tip ta' messaġġ	Text	S	M	1-7

	EO_ID	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku	EOID	S	M	
	EO_CODE	Kodiċi ta' konferma tal-operatur ekonomiku li jintbagħat bi tweġiba għar-reġistrazzjoni tiegħu	Text	S	M	
	F_ID	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-faċilità	FID	S	M	
	PrevMID_B	Indikazzjoni ta' jekk l-oġġett ta' din it-talba kienx diġà rreġistrat, eż. fir-rigward ta' kodiċi ieħor ta' identifikazzjoni tal-faċilità	Boo-lean	S	M	0 – Le (reġistrazzjoni għall-ewwel darba) 1 – Iva
	PrevMID_ID	Identifikatur tal-magna preċedenti użat għall-għanijiet ta' din it-talba	MID	S	M, jekk Pre-vMID_B = 1	
	M_entirety	Indikazzjoni ta' jekk din it-talba tikkonċernax il-magna (*vs* parti minnha)	Boo-lean	S	M	0 – Le (parti mill-magna) 1 – Iva (magna)
	P_Producer	Il-produttur ta' part	Text	S	M, jekk M_entiret-y = 0	
	P_Model	Mudell tal-part	Text	S	M, jekk M_entiret-y = 0	
	P_Number	In-numru tas-serje tal-part	Text	S	M, jekk M_entiret-y = 0	
	P_Mobile	Indikazzjoni ta' jekk din il-parti hijiex maħsuba biex tintuża fuq diversi magni (parti fissa *vs* mobbli)	Boo-lean	S	M, jekk M_entiret-y = 0	0 – Le (parti fissa) 1 – Iva (parti mobbli)
	P_ATD1	Indikazzjoni ta' jekk apparat kontra t-tbagħbis fis-sens tal-Artikolu 2(7) jirreġistra l-funzjonament ta' din il-parti	Boo-lean	S	M, jekk M_entiret-y = 0	0 – Le 1 – Iva

	P_ATD2	In-numru tas-serje tal-apparat kontra t-tbagħbis	Text	S	M, jekk M_entirety = 0 u P_ATD1 = 1	
	P_Description	Deskrizzjoni tal-parti li tispjega l-funzjoni teknika tagħha	Text	S	O	
	M_Producer	Manifattur tal-magna	Text	S	M, jekk M_entirety = 1	
	M_Model	Il-mudell tal-magna	Text	S	M, jekk M_entirety = 1	
	M_Number	In-numru tas-serje tal-magna	Text	S	M, jekk M_entirety = 1	
	M_parts	Indikazzjoni ta' jekk il-magna tikkonsistix f'diversi partijiet identifikabbli separatament	Boolean	S	M, jekk M_entirety = 1	0 – Le 1 – Iva"
	M_plist	Lista tal-partijiet identifikabbli	MID	M	M, jekk M_entirety = 1 u M_parts = 1	
	M_ATD	Numru tas-serje tal-apparat kontra t-tbagħbis fis-sens tal-Artikolu 2(7)	Text	S	M, jekk M_entirety = 1 u M_parts = 0	
	M_Capacity	Il-kapaċità massima fuq ċiklu tal-produzzjoni ta' 24 siegħa, mogħtija f'pakketti individwali	Numru sħiħ	S	M, jekk M_entirety = 1	

(h) il-punt 1.8. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.8. **Korrezzjoni tal-informazzjoni relatata mal-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna**

Entrata #	Kamp	Kummenti	Tip ta' *Data*	Kardinalità	Prijorità	Valuri
	Message_Type	Identifikazzjoni tat-tip ta' messaġġ	Text	S	M	1-8

	EO_ID	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku	EOID	S	M	
	EO_CODE	Kodiċi ta' konferma tal-operatur ekonomiku li jintbagħat bi tweġiba għar-reġistrazzjoni tiegħu	Text	S	M	
	F_ID	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-faċilità	FID	S	M	
	M_ID	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna (soġġett għall-korrezzjoni tal-informazzjoni)	MID	S	M	
	PrevMID_B	Indikazzjoni ta' jekk l-oġġett ta' din it-talba kienx diġà rreġistrat, eż. fir-rigward ta' kodiċi ieħor ta' identifikazzjoni tal-faċilità	Boo-lean	S	M	0 – Le (reġistrazzjoni għall-ewwel darba) 1 – Iva
	PrevMID_ID	Kodiċi ta' identifikatur tal-magna preċedenti użat għall-għanijiet ta' din it-talba	MID	S	M, jekk Pre-vMID_B = 1	
	M_entirety	Indikazzjoni ta' jekk din it-talba tikkonċernax il-magna (*vs* parti minnha)	Boo-lean	S	M	0 – Le (parti mill-magna) 1 – Iva (magna)
	P_Producer	Il-produttur ta' part	Text	S	M, jekk M_entiret-y = 0	
	P_Model	Mudell tal-part	Text	S	M, jekk M_entiret-y = 0	
	P_Number	In-numru tas-serje tal-part	Text	S	M, jekk M_entiret-y = 0	
	P_Mobile	Indikazzjoni ta' jekk din il-parti hijiex maħsuba biex tintuża fuq diversi magni (parti fissa *vs* mobbli)	Boo-lean	S	M, jekk M_entiret-y = 0	0 – Le (parti fissa) 1 – Iva (parti mobbli)

	P_ATD1	Indikazzjoni ta' jekk apparat kontra t-tbagħbis fis-sens tal-Artikolu 2(7) jirreġistrax il-funzjonament ta' din il-parti	Boolean	S	M, jekk M_entirety = 0	0 – Le 1 – Iva
	P_ATD2	In-numru tas-serje tal-apparat kontra t-tbagħbis	Text	S	M, jekk M_entirety = 0 u P_ATD1 = 1	
	P_Description	Deskrizzjoni tal-parti li tispjega l-funzjoni teknika tagħha	Text	S	O	
	M_Producer	Manifattur tal-magna	Text	S	M, jekk M_entirety = 1	
	M_Model	Il-mudell tal-magna	Text	S	M, jekk M_entirety = 1	
	M_Number	In-numru tas-serje tal-magna	Text	S	M, jekk M_entirety = 1	
	M_parts	Indikazzjoni ta' jekk il-magna tikkonsistix f'diversi partijiet identifikabbli separatament	Boolean	S	M, jekk M_entirety = 1	0 – Le 1 – Iva"
	M_plist	Lista tal-partijiet identifikabbli	MID	M	M, jekk M_entirety = 1 u M_parts = 1	
	M_ATD	Numru tas-serje tal-apparat kontra t-tbagħbis fis-sens tal-Artikolu 2(7)	Text	S	M, jekk M_entirety = 1 u M_parts = 0	
	M_Capacity	Il-kapaċità massima fuq ċiklu tal-produzzjoni ta' 24 siegħa, mogħtija f'pakketti individwali	Numru sħiħ	S	M, jekk M_entirety = 1	

2.4. It-Taqsima 2 fil-Kapitolu II hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 2.1., ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "P_Type" hija sostitwita b'dan li ġej:

	"P_Type	It-tip ta' prodott tat-tabakk	Integer	S	M	1 - Sigarett 2 - Sigarru 3 - Sigarru żgħir 4 - Tabakk tal-brim 5 - Tabakk tal-pipa 6 - Tabakk tal-pipa tal-ilma 7 - Tabakk għall-użu orali 8 - Tabakk nażali 9 - Tabakk tal-magħda 11 - Prodott tat-tabakk ġdid 12 - Prodott tat-tabakk ieħor (prodott li tqiegħed fis-suq qabel id-19 ta' Mejju 2014, u li ma huwiex kopert mill-kategoriji 1 sa 9)"

(b) fil-punt 2.1., ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "P_Brand" hija sostitwita b'dan li ġej:

	"P_Brand	Il-marka tal-prodott tat-tabakk li taħtu l-prodott se jkun ikkummerċjalizzat fis-suq intenzjonat tiegħu	Text	S	M	
	P_SubType_Exist	Tindika jekk jeżistix l-"isem tas-subtip" tal-prodott. L-isem tas-subtip jipprovdi aktar identifikazzjoni tal-prodott lil hinn mill-isem tal-marka ta' prodott.	Boolean	S	M	0 – Le 1 – Iva"
	P_SubType_Name	Il-prodott "isem tas-subtip" (jekk ikun hemm) kif ikkummerċjalizzat fis-suq intenzjonat tiegħu	Text	S	M, jekk P_SubType_Exist = 1	
	P_units	L-għadd ta' unitajiet individwali fil-pakkett individwali (l-għadd ta' stikek fil-pakkett).	Integer	S	M, jekk P_Type = 1 jew 2 jew 3	

(c) fil-punt 2.1, ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "TP_PN" hija sostitwita b'dan li ġej:

	"TP_PN	In-numru tal-prodott tat-tabakk użat fis-sistema EU-CEG (EAN jew GTIN jew SKU jew UPC)	PN	S	M, jekk Intended_ Market huwa Stat Membru O, jekk Intended_ Market huwa pajjiż terz"	

(d) fil-punt 2.3, ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "DEACT_upUI" hija sostitwita b'dan li ġej:

	"Deact_upUI	Il-lista tal-UIs tal-livell tal-pakketti individwali li jridu jiġu diżattivati	upUI(L) jew upUI(i) jew upUI(s)	M	M, jekk Deact_-Type = 1"	

(e) jiżdied il-punt 2.4 li ġej:

"2.4. **Talba għar-riattivazzjoni tal-UIs għall-prodotti rrapportati bħala misruqin iżda rkuprati (permessa biss jekk fil-messaġġ preċedenti tat-tip 2-3, fil-Kamp Deact_Reason1 = 2)**

Entr-ata #	Kamp	Kummenti	Tip ta' *Data*	Kardi-nalità	Prijorità	Valuri
	Message_Type	Identifikazzjoni tat-tip ta' messaġġ	Text	S	M	2-4
	EO_ID	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku tal-entità li qiegħda tissottometti	EOID	S	M	
	F_ID	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-faċilità (faċilità ta' rkupru)	FID	S	M	
	React_Type	Ir-riattivazzjoni tal-UIs tal-pakketti individwali jew tal-livell aggregat	Numru sħiħ	S	M	1 – UIs tal-livell tal-imballaġġi individwali 2 – UIs tal-livell tal-imballaġġi aggregati"
	React_Reason	Deskrizzjoni tal-kuntest tar-riattivazzjoni	Text	S	O	
	React_upUI	Il-lista tal-UIs tal-livell tal-imballaġġi individwali li jridu jiġu riattivati	upUI(L) jew upUI(i) jew upUI(s)	M	M, jekk React_Type= 1	

	React_aUI	Il-lista tal-UIs tal-livell aggregati li jridu jiġu riattivati	aUI	M	M, jekk React_Type= 2“	

2.5. It-Taqsima 3 fil-Kapitolu II hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 3.3, ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp “Destination_ID5” hija sostitwita b’dan li ġej:

	“Destination_ID5	L-isem tat-triq u n-numru tad-dar tal-faċilità tad-destinazzjoni (jew in-numru tat-triq u l-kilometri)	Text	S	M, jekk Destination_ID1 = 1	
	Destination_ID6	Il-muniċipalità tal-faċilità tad-destinazzjoni (belt, raħal jew villaġġ)	Text	S	M, jekk Destination_ID1 = 1	
	Destination_ID7	Il-kodiċi postali tal-faċilità tad-destinazzjoni	Text	S	M, jekk Destination_ID1 = 1	il-valur ‘n/a’ huwa permess jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda kodiċi postali”
	Destination_ID8	Pajjiż tal-faċilità tad-destinazzjoni	Pajjiż	S	M, jekk Destination_ID1 = 1	

(b) fil-punt 3.5, ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp “Destination_ID3” hija sostitwita b’dan li ġej:

	“Destination_ID3	L-isem tat-triq u n-numru tad-dar tal-faċilità tad-destinazzjoni (jew in-numru tat-triq u l-kilometri)	Text	S	M, jekk Destination_ID1 = 0	
	Destination_ID4	Il-muniċipalità tal-faċilità tad-destinazzjoni (belt, raħal jew villaġġ)	Text	S	M, jekk Destination_ID1 = 0	
	Destination_ID5	Il-kodiċi postali tal-faċilità tad-destinazzjoni	Text	S	M, jekk Destination_ID1 = 0	il-valur ‘n/a’ huwa permess jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda kodiċi postali”
	Destination_ID6	Pajjiż tal-faċilità tad-destinazzjoni	Pajjiż	S	M, jekk Destination_ID1 = 0	

(c) jiżdied il-punt 3.8 li ġej:

"3.8. **Id-dispaċċ ta' prodotti tat-tabakk minn faċilità lejn laboratorji, ċentri tar-rimi tal-iskart, awtoritajiet nazzjonali, organizzazzjonijiet governattivi internazzjonali, ambaxxati u bażijiet militari**

Entrata #	Kamp	Kummenti	Tip ta' *Data*	Kardinalità	Prijorità	Valuri
	Message_Type	Identifikazzjoni tat-tip ta' messaġġ	Text	S	M	3-8
	EO_ID	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku tal-entità li qiegħda tissottometti	EOID	S	M	
	Event_Time	Data u ħin meta hemm il-ħsieb li jsir l-avveniment	Time(s)	S	M	
	F_ID	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-faċilità minn fejn qiegħed isir id-dispaċċ	FID	S	M	
	Destination_1	Indikazzjoni tat-tip ta' destinazzjoni	Numru sħiħ	S	M	1 – Laboratorju 2 – Ċentru għar-rimi tal-iskart 3 – Awtorità nazzjonali 4 – Organizzazzjoni governattiva internazzjonali 5 – Ambaxxata 6 – Bażi Militari
	Destination_2	L-isem tat-triq u n-numru tad-dar tad-destinazzjoni (jew in-numru tat-triq u l-kilometri)	Text	S	M	
	Destination_3	Il-muniċipalità tad-destinazzjoni (belt, raħal jew villaġġ)	Text	S	M	
	Destination_4	Il-kodiċi postali tad-destinazzjoni	Text	S	M	il-valur 'n/a' huwa permess jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda kodiċi postali
	Destination_5	Pajjiż tad-destinazzjoni	Pajjiż	S	M	

	Transport_-mode	Il-mod tat-trasport li bih il-prodott iħalli l-faċilità, ara l-Anness II, Lista tal-Kodiċijiet 7 tar-Regolament (KE) Nru 684/2009	Numru sħiħ	S	M	0 – Oħrajn 1 – Trasport bil-baħar 2 – Trasport bil-ferrovija 3 – Trasport bit-triq 4 – Trasport bl-ajru 5 – Kunsinna postali 6 – Installazzjonijiet fissi tat-trasport 7 – Trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni
	Transport_-vehicle	L-identifikazzjoni tal-vettura (jiġifieri l-pjanċi tal-karozza, in-numru tal-ferrovija, in-numru tal-ajruplan jew tat-titjira, isem il-vapur jew identifikazzjoni oħra)	Text	S	M	'n/a' huwa valur permess jekk Transport_mode = 0 u jekk il-moviment tal-prodott iseħħ bejn stabbilimenti li jkunu jinsabu ħdejn xulxin u jittieħed bl-idejn
	Transport_-cont1	Indikazzjoni dwar jekk it-trasport isirx permezz ta' kontejner u jkollux kodiċi tal-unità individwali tat-trasport jew le (pereżempju l-SSCC)	Boolean	S	M	0 – Le 1 – Iva
	Transport_-cont2	Il-kodiċi tal-unità individwali tat-trasport tal-kontejner	ITU	S	M, jekk Transport_-cont1 = 1	
	UI_Type	L-identifikazzjoni tat-tipi ta' UIs fid-dispaċċ (irreġistrati fl-ogħla livell ta' aggregazzjoni disponibbli)	Numru sħiħ	S	M	1 – UIs tal-livell tal-imballaġġi individwali biss 2 – UIs tal-livell tal-imballaġġi aggregati biss 3 – kemm UIs tal-livell tal-imballaġġi individwali kif ukoll UIs tal-livell tal-imballaġġi aggregati"

	upUIs	Il-lista tal-UIs tal-livell tal-imballaġġi individwali soġġetti għal dispaċċ	upUI(L)	M	M, jekk UI_Type = 1 jew 3	
	aUIs	Il-lista tal-UIs tal-livell tal-imballaġġi aggregati soġġetti għal dispaċċ	aUI	M	M, jekk UI_Type = 2 jew 3	
	S_Dispatch_-comment	Kummenti mill-entità li qiegħda tibgħat ir-rapport	Text	S	O	

2.6. It-Taqsima 4 fil-Kapitolu II hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 4.1., ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "Buyer_Address" hija sostitwita b'dan li ġej:

	"Buyer_Address_1	L-isem tat-triq u n-numru tad-dar tax-xerrej (jew in-numru tat-triq u l-kilometri)	Text	S	M, jekk Invoice_-Buyer1 = 0	
	Buyer_Address_2	Il-muniċipalità tax-xerrej (belt, raħal jew villaġġ)	Text	S	M, jekk Invoice_-Buyer1 = 0	
	Buyer_Address_3	Il-kodiċi postali tax-xerrej	Text	S	M, jekk Invoice_-Buyer1 = 0	il-valur 'n/a' huwa permess jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda kodiċi postali"

(b) fil-punt 4.3, ir-ringiela tat-tabella għall-Kamp "Payer_Address" hija sostitwita b'dan li ġej:

	"Payer_Address_1	L-isem tat-triq u n-numru tad-dar tal-pagatur (jew in-numru tat-triq u l-kilometri)	Text	S	M, jekk Payment_-Payer1 = 0	
	Payer _Address_2	Il-muniċipalità tal-pagatur (belt, raħal jew villaġġ)	Text	S	M, jekk Payment_-Payer1 = 0	
	Payer _Address_3	Kodiċi postali tal-pagatur	Text	S	M, jekk Payment_-Payer1 = 0	il-valur 'n/a' huwa permess jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda kodiċi postali"

2.7. It-Taqsima 5 fil-Kapitolu II tinbidel kif ġej:

"**Sejħiet lura**

5. **Sejħiet lura ta' talbiet, messaġġi operazzjonali u tranżazzjonali (possibbli għat-tipi ta' messaġġi 2-1, 2-2, 2-3 (fi żmien 24 siegħa biss mir-rapportar oriġinali tal-messaġġ 2-3, għal Deact_Reason1 minbarra "2 – Prodott misruq"), 3-1 sa 3-8, 4-1, 4-2 u 4-3)**

Numru tal-oġġett	Kamp	Kummenti	Tip ta' *Data*	Kardinalità	Prijorità	Valuri
	Message_Type	Identifikazzjoni tat-tip ta' messaġġ	Text	S	M	5
	EO_ID	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku tal-entità li qiegħda tissottometti	EOID	S	M	
	Recall_CODE	Il-kodiċi tas-sejħa lura tal-messaġġ li jintbagħat lil min qed jibgħat il-messaġġ fil-messaġġ ta' rikonoxximent tal-messaġġ oriġinali li jrid jissejjaħ lura	Text	S	M	Recall_CODE
	Recall_ Reason1	Raġuni għaliex qiegħed jissejjaħ lura l-messaġġ oriġinali	Numru sħiħ	S	M	1 – l-avveniment irrapportat ma seħħx (għall-messaġġi tat-tip 3-3, 3-5 u 3-8 biss) 2 – il-messaġġ kien fih informazzjoni żbaljata 3 – oħrajn
	Recall_ Reason2	Deskrizzjoni tar-raġuni għaliex qiegħed jissejjaħ lura l-messaġġ oriġinali	Text	S	M, jekk Recall_ Reason1 = 3	
	Recall_ Reason3	Kwalunkwe spjegazzjoni addizzjonali li jista' jkun hemm dwar ir-raġuni għaliex qiegħed jissejjaħ lura l-messaġġ oriġinali	Text	S	O	

Avviż: Is-sejħa lura tal-messaġġi marbutin mal-avvenimenti loġistiċi u ma' dawk operattivi twassal biex il-messaġġ li jissejjaħ lura jiġi mmarkat bħala messaġġ li tħassar, iżda ma twassalx biex jitħassru r-reġistri rilevanti li jkun hemm fil-bażi tad-*data* eżistenti."

(3) Jiżdied l-Anness III li ġej:

"*ANNESS III*

L-istruttura ta' identifikatur uniku fil-livell ta' unità

	(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)
Element:	Identifikatur tas-simboloġija	Kwalifikatur tad-*data* obbligatorju	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-emittent tal-identifikazzjoni	Kwalifikatur tad-*data* fakultattiv	Numru tas-serje	Kwalifikatur tad-*data* fakultattiv	Kodiċi tal-prodott	Kwalifikatur tad-*data* fakultattiv	Kronogramma
Tip:	Kwalifikatur	Kwalifikatur	Sekwenza (element tad-*data*)	Kwalifikatur	Sekwenza (element tad-*data*)	Kwalifikatur	Sekwenza (element tad-*data*)	Kwalifikatur	Sekwenza (element tad-*data*)

Pożizzjoni fl-identifikatur uniku:	Fissa	Fissa	Fissa	Mhux fissa	Mhux fissa	Mhux fissa	Mhux fissa	Fissa	Fissa
Regolati minn:	L-Artikolu 21(1) u l-istruttura ta' kodiċi tal-emittent tal-identifikazzjoni	L-Artikolu 3(4), l-Artikolu 8(1)(a), l-Artikolu 21(1) u l-istruttura ta' kodiċi tal-emittent tal-identifikazzjoni	L-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 8(1)(a)	L-Artikolu 21(1) u l-istruttura ta' kodiċi tal-emittent tal-identifikazzjoni	L-Artikolu 8(1)(b)	L-Artikolu 21(1) u l-istruttura ta' kodiċi tal-emittent tal-identifikazzjoni	L-Artikolu 8(1)(c)	L-Artikolu 21(1), l-Artikolu 21(4) u l-istruttura ta' kodiċi tal-emittent tal-identifikazzjoni	L-Artikolu 8(1)(-(d) u l-Artikolu 21(4)
Standards internazzjonali applikabbli:	ISO/IEC-16022:-2006, jew ISO/-IEC-18004:-2015, jew ISS DotCode Symbology Spec.	ISO 15459--2:2015 u ISO 15459--3:2014	ISO 15459--2:2015 u ISO 15459--3:2014						
Proċess:	Applikat mill-operaturi ekonomiċi	Applikat mill-operaturi ekonomiċi	Iġġenerat mill-emittenti tal-identifikazzjoni	Applikat mill-operaturi ekonomiċi	Iġġenerat mill-emittenti tal-identifikazzjoni	Applikat mill-operaturi ekonomiċi	Iġġenerat mill-emittenti tal-identifikazzjoni	Applikat mill-operaturi ekonomiċi	Applikat mill-operaturi ekonomiċi
Trażmissjoni lis-sistema ta' repożitorji:	Le	Le	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Le	Iva"

Nota: Għall-finijiet tal-iskema ta' hawn fuq, is-separaturi tal-grupp (/FNC1) jitqiesu bl-istess mod bħal kwalifikaturi tad-*data* fakultattivi, jiġifieri l-użu tagħhom jiddependi mill-istruttura ta' kodiċi tal-emittent tal-identifikazzjoni.